# **L-Ewwel Ċentinarju** mit-Tberik u l-Ftuħ tal-Knisja Parrokjali tat-Trinità Qaddisa, Marsa

***Minn Rev. Dr. Martin Micallef OFM. Cap.***



"Sur Editur … dawn il-ġranet mort ammirajt il-Knisja l-ġdida li qiegħda tinbena l-Marsa mill-benefattur is-Sur Lorenzo Balbi u mogħtija lill-ħabrieka u twajba Patrijiet Kapuċċini, iddedikata lis-SSma. Trinità. Din il-Knisja, kompriż magħha l-Kunvent, milli jidher għoddha waslet fit-tmiem tagħha … hija verament sabiħa u spazjuża u għal dawn l-abitanti tal-Marsa sejra tkun baħar ta' ġid spiritwali … Din l-opra hekk kolossali, mhux biss hija opra sabiħa għall-ġmiel u li tagħmel unur lill-benefattur tagħha, imma hija wkoll isbaħ għall-ġmiel tar-ruħ. Għalkemm f'Malta għandna bosta Knejjes però f'ċerti bnadi huma bżonnjużi ferm, bħalma hu l-lok fejn qiegħda tinbena din, fejn jinsabu nies li ddikjaraw huma stess li qatt ma jistgħu jisimgħu prietka u jieħdu Benedizzjoni għax biex jitilgħu sal-Ħamrun f'San Gejtanu jiġi bogħod wisq, mentri li issa, la tkun lesta u tibda tiffunzjona, dawn l-inkonvenjenti jispiċċaw *molto più,* meta hija fdata f'idejn dawn il-Patrijiet li la huma mogħtija għal-lussu u anqas għall-unuri tad-dinja imma għall-missjoni kontinwa."

Dan il-kliem inkiteb mitt sena ilu, f'ġurnal lokali (Nisrani, *Il Cnisja tas-SSma. Trinità,* f'*Is-Salib,* 23.03.1912, p.2) ftit xhur qabel ma tbierket u nfetħet il-knisja parrokkjali l-ġdida tas-Santissima Trinità, fil-Marsa. Mitt sena wara qegħdin infakkru din il-ġrajja sabiħa li kellha effett inċiżiv, speċjalment fuq il-ħajja ta' dawk li trabbew f'din il-lokalità qrib il-port il-kbir.

Iċ-ċerimonja tat-tberik ta' din il-Knisja sar skont ir-rit Ruman fl-għodwa tad-19 ta' April 1913 minn Mons. Luigi Attard, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta u Deputat tal-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pietru Pace. Din iċ-ċerimonja kienet tagħmel parti mill-festi li kienu qegħdin isiru f'Malta fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku tal-1913. Filgħaxija ta' dan l-istess jum, imbagħad, saret l-inawgurazzjoni Solenni ta' din il-Knisja Parrokkjali li ġiet fdata f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Maltin. Fil-Kronaka miktuba minn wieħed minn dawn l-istess Patrijiet insibu dan il-kliem li jeħodna lura mitt sena ilu fl-entużjażmu ta' din l-okkażjoni:

"Filgħaxija tal-jum imsemmi jibqa' memorabbli fl-istorja ta' din il-Provinċja tagħna l-Kapuċċini ta' Malta. Kienet ħaġa naturali li, minħabba l-funzjoni sagra ta' filgħodu, inġabru aktar nies għall-inawgurazzjoni solenni li kellha ssir filgħaxija. Kienu għadhom ma daqqux l-erbgħa ta' wara nofsinhar, il-post qaddis mimli bin-nies, bħal għarus li qed jistenna l-għarusa, kien jidher li qed jistenna fuq ix-xwiek lir-Ragħaj tad-Djoċesi, sakemm, bil-persuna għażiża tiegħu, wera lill-fidili l-post magħżul minn Alla biex ikun il-post fejn huwa kellu jgħammar. Folla kbira ta' nies barra u ġewwa l-Knisja ħabbret bil-ferħ il-wasla ta' Mons. Arċisqof Pietru Pace. Mal-għajjat ferrieħi tan-nies ingħaqad fuq barra d-daqq tal-qniepen sabiħ u armonjuż u l-melodija ħelwa tal-mużika.

Malli wasal ir-Ragħaj il-qaddis saret is-soltu vista li ssir lis-Santissimu. Huwa qagħad bilqiegħda bejn xi Eċċellenzi Isqfijiet, fosthom Mons. Giovanni Ma. Camilleri; Isqof ta' Għawdex, Mons. Giannini; Arċisqof titular ta' Sinnes u Delegat Appostoliku tas-Sirja, Mons. De Vasconcellos; Isqof ta' Beja (Portugal). Mons. Kanonku Paolo Gauci; Segretarju Ġenerali tad-Djoċesi, tela' fuq il-pulptu u niseġ diskors inawgurali mill-isbaħ li matulu, wara li wera kemm tassew kien meħtieġ it-twaqqif ta' dan it-Tempju fil-Marsa, faħħar il-ġenerożità tas-Sur Fundatur Lorenzo u martu Maria Carmela Balbi u l-idea sabiħa tagħhom li jafdawh f'idejn il-kura żelanti tal-Patrijiet Kapuċċini. Wara li ntemm id-diskors inawgurali ġew intunati mill-istess Arċisqof l-*O Salutaris Hostia* u *Te Deum;* u fl-aħħar ingħatat il-Barka Sagramentali




bil-kant u l-mużika solenni taħt id-direzzjoni tal-Prof. Antonio Nani.

Wara sar festin kbir għal elfejn ruħ li kienu mistednin u nqraw xi indirizzi lis-Sinjuri Fundaturi, fosthom dak tal-W.R. P. Tommaso minn Ħal Tarxien; Provinċjal tal-Minuri Kapuċċini u tnejn oħra mis-Sinjuri; Giuseppe Muscat Azzopardi P.L. u Gio. Felice Inglott M.D.

Banda strumentali kompliet tferraħ lin-nies bil-melodija tagħha sa tard filgħaxija filwaqt li setgħu jgawdu wkoll il-mixgħela sabiħa tal-faċċata tal-knisja."

Il-bżonn tal-bini ta' din il-Knisja f'din il-lokalità tal-Marsa kien ġie nnutat minn bosta f'artikli varji li dehru f'ġurnali lokali għal din l-okkażjoni. Artiklu minnhom jiġbor fil-qosor il-ħsieb tad-diskors inawgurali ta' din l-okkażjoni minn Mons. Gauci "li żanżan għall-ewwel darba l-pulptu u f'erba kelmiet spjega l-iskop li għalih il-qatt biżżejjed imfaħħra benefatturi, is-Sur Lawrenz Balbi u s-Sinjura tiegħu Carmela li kienu wkoll preżenti jassistu din il-funzjoni, kemm ġid għamlu b'din l-opra kolossali tagħhom u kemm iżjed jista' jikber u jgħaddi 'l quddiem dan il-ġid fost l-abitanti ta' dawn l-inħawi li tant kienu privi mill-komodità tal-knejjes, billi din il-knisja, l-imsemmija benefatturi għoġobhom jikkonċeduha lill-Patrijiet Kapuċċini biex tkun parroċċa għal dawn l-inħawi u li minn taħt idejn dawn il-Patrijiet il-ħidma spiritwali ma tiġix nieqsa u ttraskurata żgur għax, daqskemm kienet kbira l-imħabba li kkostringiet lil dawn iż-żewġ benefatturi jagħmlu opra bħal din għall-ġid tal-erwieħ, mhux anqas minnha x-xewqa ta' dawn il-Patrijiet li jkunu jistgħu jiġbdu lejn il-knisja lill-erwieħ; għalhekk meta żewġ skopijiet tajba ta' persuni differenti jaqblu ma' ta' xulxin, il-frott tajjeb ma jista' jonqos qatt." (Mistieden, *Il Cnisia tas-SSma. Trinità,* f'*Is-Salib,* 3.05.1913, pp.5-6).

Il-Marsin kollha u persuni oħra li jiffrekwentaw din il-Knisja jistgħu jifhmu dan il-kliem imqar mitt sena wara li nkiteb. Flimkien magħhom aħna llum inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li sar f'dawn il-mitt sena ta' storja fil-Marsa.